# Mons. Dun Nikola Aquilina
## *(1892 - 1957)*
## Kappillan tas-Siġġiewi 1952-56

Joseph Schembri



Fil-5 ta' Diċembru 2007, Dun Nikola Aquilina bin is-Siġġiewi u li serva bħala Kappillan tas-Siġġiewi, bejn l-1952 u l-1956, għalaq 50 sena mejjet. Serva ta' kappillan f'diversi parroċċi għal tlieta u tletin sena.

Dun Nikol bin Ġlormu Aquilina u Tereża née Camilleri twieled fit-22 ta' Ottubru 1892. Huwa tgħammed mill-Kappillan. Dun Franġisk Farrugia, li kien għadu kif inħatar Kappillan is-Siġġiewi.

F'żgħożitu Nikola, ħass is-sejħa għas-saċerdozju u għalhekk daħal is-Seminarju. Huwa ġie ordnat saċerdot mill-Arċisqof Mauro Caruana OSB fil-Katidral ta' l-Imdina, fit-18 ta' Diċembru 1915 meta kellu 23 sena. Hekk kif sar saċerdot mill-ewwewl beda bil-ħidma saċerdotali fil-parroċċa tagħna s-Siġġiewi bħala viċi-parroku.

Lejn nofs Awwissu ta' l-1923, l-Arċisqof Dom. Mauro Caruana OSB, bagħtu viċi-parroku fil-viċi-parroċċa ta' San Sebastjan f'Ħal Qormi. Fil-ħidma pastorali fost il-parruċċani tiegħu bħala viċi-parroku, huwa kien jiċċelebra l-quddiesa kuljum, iqarar, jassisti lill-morda u l-moribondi billi jamministra l-Vjatku u l-aħħar sagramenti u jipprietka u jgħallem il-Katekiżmu lit-tfal.[1]

Fil-bidu ta' Jannar 1927, Dun Nikola Aquilina nħatar Kappillan tal-Gudja. Sena wara nħatar Kappillan tal-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, fejn dam sa l-1935.

Bejn l-1935 u l-1952, serva bħala Kappillan tal-Parroċċa Marija Annunzjata ta' Ħal Tarxien. Dan il-parrokat ta' Dun Nikol kien wieħed diffiċli minħabba li ħabat tul it-Tieni Gwerra Dinjija., 1939-45, u Ħal Tarxien sofra ħafna mill-attakki ta' l-għadu u numru mhux żgħir ta' nies mill-parroċċa mietu vittmi tal-gwerra. Għalkemm ħafna nies minn Ħal Tarxien ħallew ir-raħal tagħhom biex iffitxu kenn band'oħra, Dun Nikol ma ħalla qatt lil din il-parroċċa u baqa' jagħti s-sehem tiegħu lill-ftit familji li baqgħu hemm.

Matul il-parrokat tiegħu f'Ħal Tarxien beda jinbena l-Museum il-ġdid tas-subien. Fis-6 ta' Awwissu 1949, il-Kappillan Dun Nikol bierek il-pedamenti ta' din id-Dar tad-Duttrina. Xahar wara fit-13 ta' Settembru sar it-tberik u t-tqegħid ta' l-ewwel ġebla ta' dan il-Museum, mill-istess Fundatur, illum San Ġorġ Preca.[2]

Fost l-opri li l-Kappillan Dun Nikol għamel fil-knisja ta' Ħal Tarxien insibu: Salib tal-fidda tal-Via Sagra, standard tas-Santissmu Sagrament, bidu tal-pittura fil-Knisja u li fi żmienu saret il-pittura tal-kor u tal-koppla.[3]

Dun Nikol Aquilina, dam imexxi din il-parroċċa sa l-aħħar tas-sena 1951. Ftit ġranet wara ġie msejjaħ biex ikun Kappillan fil-Parroċċa ta' San Nikola, is-Siġġiewi, raħal twelidu.

Fit-30 ta' Jannar, 1952, il-Kurja ta' l-Arċisqof il-Belt Valletta ħarġet id-digriet li kien jgħid li Dun Nikol Aquilina se jieħu l-pussess ta' Kappillan nhar il-Ħadd, 3 ta' Frar, 1952. Huwa għamel

il-professjoni tal-fidi u ħa l-ġurament fil-Kurja ta' l-Arċisqof. Ix-xhieda kienu, Dun Franġisk Buhagiar u Dun Ġużepp Borg. Fit-3 ta' Frar, 1952, l-Isqof Emanuel Galea, f'isem l-Arċisqof Mikiel Gonzi tah il-pussess fil-Knisja Parrokkjali u din id-darba x-xhieda kienu Dun Ġużepp Aquilina u Dun Nikol Mifsud.[4]

Hekk kif beda bil-ħidma pastorali fil-parroċċa ta' San Nikola, il-Kappillan Dun Nikol Aquilina ta bidu għall-iskultura tan-navi tal-Knisja. Piju Farrugia membru tal-Museum tas-Siġġiewi, qabel emigra lejn l-Awstralja, beda jaħdem din l-iskultura tan-navi. Skond tagħrif li ksibt kien jgħid: "Wara li kien waqa' s-Salib ta' l-Għolja fl-1937 il-Kapillan Dun Nikol Aquilina kien il-bidu biex jerġa' jittella' Salib flok dak li kien iġġarraf.

Huwa beda jipprepara permezz ta' ġbir ta' flus u laħqu tlestew xi pjanti tas-Salib. Opra oħra li għamilha bi flusu, kienet ir-relikwarju tar-relikwa ta' San Nikola.[5]

Matul is-sena 1956, saħħet il-Kappillan marret lura ħafna għalkemm b'ħafna sforzi baqa' jaqdi d-doveri tiegħu. Nhar it-30 ta' Novembru 1956, kien l-aħħar jum li serva bħala Kappillan. Bħala rikonoxximent tal-ħidma tiegħu tul is-snin, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi onorawh bit-titlu ta' Monsijur.

Sena wara li spiċċa minn Kappillan Dun Nikol Aquilina miet is-Siġġiewi fil-5 ta' Diċembru, 1957, lejlet il-festa tal-qaddis tiegħu. Huwa ndifen fiċ-Ċimiterju tal-Madonna tal-Karmnu tal-Parroċċa fil-qabar numru 101, u li jinsab mal-ġenb tal-Kappella fejn hemm ukoll il-qabar ta' Mons Franġisku Saverju Mangion.

Fuq il-qabar hemm lapida li tgħid:

Mons. Nikola Aquilina
1892 – 1957
Mulej Ġesù Kristu
Daħħal fis-Saltna tiegħek tas-Sema
Ir-Ruħ ta' Dun Nikol
li Ħajtu kollha Għaddieha Ħerqan
Ixerred is-Saltna tiegħek fuq l-Art.

Qabel dik preżenti kien hemm waħda bil-Latin u kienet taqra:

Mons. Nicolaus Aquilina
1892 – 1957
Domine Iesu Christe
Animan Eius
In Regnum Tuum Coeleste Admitte
Que In Vita Sua
Ad Propagationem Regui Tui in Terris
Alacriter Sese Exercuit

Dun Nikola Aquilina kien Kappillan eżemplari ħafna; kien bniedem ta' talb u devot tal-Madonna u ta' San Nikola, kif ukoll devot ta' Ġesù Sagramentat. Kellu drawwa qaddisa li sikwit kien ikun għarkobbtejh fuq il-presbiterju (bla ma jżomm ma xejn) jgħid ir-Rużarju quddiem Ġesù Sagramentat.

Kellu qalb li tħoss ħafna quddiem il-bżonnijiet ta' l-oħrajn u minn butu kien jagħti lil min kellu bżonn. F'Ħal Tarxien kien hemm żewġ familji fil-bżonn li kien jgħinhom ħafna. Fil-funeral tiegħu diversi nies urew kemm kien benefattur tagħhom. U hu ma kienx idoqq it-trombi, iżda kien jagħti fis-satra.

Dun Nikol kien ta' natural li jħobb joqgħod waħdu, imma kien jgħaddi ħafna ħin fil-konfessjonarju fejn wettaq ġid kbir.[8] Kien saċerdot puntwali ħafna u kull fil-għaxija kien iħobb idur dawra mar-raħal qabel jirtira.[9]

Huwa għalhekk xieraq li nfakkru l-ħidma fejjieda ta' Dun Nikol Aquilina fil-parroċċa tagħna li kienet ukoll Raħal Twelidu.

**Riferenzi**

1 Joseph F. Grima – Parroċċa San Sebastjan, Qormi. Paġni 7, 9.
2 Tagħrif li ksibt minn J. B. Scerri
3 Tagħrif li ksibt minn Kelinu Cachia
4 Kurja ta' l-Arċisqof – Volum fuq il-Kappillani u Arċiprieti tal-Parroċċa Siġġiewi.
5 Tagħrif li ksibt minn Franġisku Schembri u Piju Farrugia.
6 Traduzzjoni tal-Kan. Dun Anġ. Vella.
7 Espożizzjoni dwar il-Qaddej ta' Alla Mons. Ġużeppi De Piro 1877-1933 fi ktieb maħruġ mir-Reġistru Pubbliku, il-Belt 1993, Paġna 14.
8-9 Tagħrif minn Franġisku Schembri u J. B. Scerri.